MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Numru. 78/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**ALLAN PACE ta' 23 sena, iben George u Mary nee' Cefai, imwieled Tal-Pieta' nhar it-02.03.1988, residenti fil-fond numru 51, Triq San Guzepp, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 120488M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Allan Pace** li gie akkuzat talli:

1. Fil-Belt Valletta fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' April 2007, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti

ohra mill-fond Merhba Kiosk, sitwat fl-inhawi ta' Bieb il-Belt, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €233 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2,330 (elf Lira Maltin) u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' Paul Pace;

2. U aktar talli f'Bormla, fil-perjodu ta' bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2007, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti ohra mill-fond Regatta Klabb Bormla, sitwat fl-inhawi tax-Xatt ta' Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,330 (elf Lira Maltin) u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' l-amministraturi ta' l-istess fond;

3. U aktar talli fil-Belt Valletta, nhar it-30 ta' Novembru 2006, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Clarion, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' €233 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2,330 (elf Lira Maltin) minn go vettura tal-ghamla Daihatsu Cuore bin-numru tar-registrazzjoni DBJ683, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Paul Callus;

4. U aktar talli huwa recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provvediment tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zewg sentenzi separati moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

6. U aktar talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 49, 50, 51, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Michael Mallia xehed illi kien qieghed jinvestiga hames serqiet, u fuq suspett li fihom kien involut l-imputat, kien volontarjament minghandu ha mpronti digitali li qablu ma' impronti ta' l-imputat fi tliet serqiet minnhom - dawn kienu serq minn Merhba Kiosk, il-Belt Valletta, fit-30 ta' April, 2007; serqa minn Regatta Klabb Bormla, rapurtata fit-30 ta' Ottubru, 2007; kif ukoll serqa minn go vettura fi Triq il-Ghajn, il-Belt Valletta nhar it-30 ta' Novembru, 2006.

Marisa Bondin xehdet dwar serq li sofrew minn gol-hanut tar-Regatta Bar and Restaurant Bormla. Minn hemm insterqu Lm100 fi flus kontanti mill-kexxun tal-cash register, kif ukoll Lm2,000.00 minn gol-kiddie ride. Insteraq ukoll television flat screen 21 inch tal-marka LG li

kien jiswa Lm500.00. Xehdet li kellha spejjez ukoll ta' Lm250.00 biex inxtrat cash register gdida.

Xehed Paul Callus dwar is-serqa minnu sofferta tal-karozza Daihatsu Cuore. Sabilha l-quarter window miksura u ghalhekk minnha sab neqsin bhal car radio tal-marka Clarion.

Paul Pace xehed dwar il-gabbana Merhba Kiosk gewwa City Gate, Valletta. Sofra l-ammont ta' Lm150.00 fis-serqa, u madwar Lm100.00 fi spejjez biex jirranga l-hgiega u l-aluminium. Ghalkemm kien jaf lill-imputat, eskluda li dan kien jidhol gewwa l-gabbana tant li seta' jmiss il-magna tas-sigaretti.

PS 1147 Antoine Fenech kellu l-inkarigu li jeleva kampjuni ta' demm misjuba fil-kiosk fuq imsemmi – relazzjoni Dok AF folio 47 et seq.

Minn naha tieghu PS 1238 Clive Brimmer xehed dwar l-inkarigu tieghu koncernanti serqa li saret gewwa Regatta Klabb Bormla. Minn hawn hu eleva lifters, ikkomparahom ma' impronti digitali ta' l-imputat li taw rizultat pozittiv. Ezebixxa Dok BC cioe' r-relazzjoni tieghu.

L-istess PS 1374 Edgar Dalli fil-konfront tas-serqa li saret mill-vettura Daihatsu Cuore, Dok ED1. Anke fil-kaz ta' din is-serqa, inghata rizultat pozittiv ghall-impronti digitali li qablu ma' ta' l-imputat.

PS 680 Colin Sheldon ukoll eleva mpronti digitali minn fuq vettura, dan bhala police work, minn fuq il-vettura gia' msemmija Daihatsu Cuore.

PS 325 Patrick Bonnici pprezenta l-PIRS report tieghu dwar is-serqa li saret mill-vettura Daihatsu Cuore, ipprezenta r-rapport tieghu bhala Dok PB folio 132.

L-Ispettur Pierre Grech minn naha tieghu xehed dwar tliet sentenzi li nghataw fil-konfront ta' Allan Pace, ezebiti dawn bhala Dok PG1, PG2, u PG3.

Ezebixxa wkoll ir-relzzjoni tieghu PS 171 Karl Glenville li kienet dwar serqa li saret gewwa r-Regatta Klabb f'Bormla Dok KG.

Ezebiet ukoll ir-relazzjoni taghha Dr Marisa Cassar li xehdet dwar xoghol li ghamlet fuq kampjun ta' demm fis-sit gia' msemmi, li mieghu sar ezami komparattiv mad-demm ta' l-imputat. Fil-fatt dan l-ezami komparattiv ta rizultat li l-probabbilta' li l-profil genetiku li nhareg mill-blood swab huwa ta' Allan Pace huwa ta' 99.99%, Dok MC folio 183.

Joseph Mallia nominat appozitament, ipprezenta r-relzzjoni tieghu wara li gie nkarigat minn din il-Qorti biex jaghmel ezami komparattiv bejn il-lifters misjuba fid-dokumenti KG u DA rigwardanti s-serqa li saret minn gor-Regatta Klabb Bormla u l-istess impronti digitali ta' l-imputat, kif ukoll l-istess impronti digitali mill-lifters rigwardanti s-serqa mill-Merhba Kiosk, City Gate, u s-serqa mil-vetura Daihatsu Cuore.

Ikkonkluda ghalhekk illi fil-konfront tas-serqa mid-Daihatsu Cuore sab impronta digitali taqbel ma' dik ta' l-imputat, mas-sebgha tac-curkett ta' id l-istess. Fil-konfront tas-serqa mill-Merhba Kiosk sab li wahda mill-impronti fuq is-sit kienet taqbel ma' sebgha tac-curkett lemini ta' l-imputat. L-istess fil-konfront tas-serqa mir-Regatta Klabb, irrizultalu li kellu lifter jaqbel mas-sebgha tan-nofs ta' id ix-xellugija ta' Allan Pace.

Xehdet ukoll Mary Rose Farrugia, ufficjal tal-Probation, dwar il-problemi ta' behaviour li kellu l-imputat. Spjegat illi l-imputat kien bniedem li kellu bzonn jinqata' mill-ambjent tal-Belt li kien qed jaghmillu hafna hsara. L-imputat fil-fehma taghha kien bniedem li kellu bzonn counselling u post ta' residenza b'ambjent strutturat.

Gie mahtur ukoll Dr Joseph Spiteri biex jevaluta l-imputat, li pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok JS folio 166. Qal il-perit psikjatriku li xehed dwar is-social status ta' l-imputat u d-diffikultajiet li garrab - fizici u socjali, u d-dipendenza

tieghu fuq il-kokaina. Ikkonkluda pero li ma kellu ebda problemi psikjatrici.

Xehed anke fil-konfront tas-serqa mir-Regatta Klabb Bormla certu Antoine Pace. Dan qal illi l-flus li nsterqu mill-machines kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm700.00.

Anke Benjamin Bondin xehed dwar l-istess serqa, dwar il-fatt illi mill-fond hadulu television flat screen 21 inch li kien xtara Lm500.00, xorb alkoholiku verzu l-prezz ta' Lm120.00, u flus kontanti mill-cash register versu l-ammont ta' Lm100.00.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl- Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl- Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 49, 50, 51, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda ta' Jessica Camilleri, amministratrici tal-progett Embark For Life, dan fil-konfront tal-progress li Allan Pace kien qieghed jaghmel fis-socjeta' darba li thalla

johrog minn Dar Suret il-Bniedem, fejn kien ‘homed’ fuq ordni tal-Qorti (anke biex jinqata’ mill-ambjent li kienet xehdet fuqu Mary Rose Farrugia), u fuq il-progress li kien qieghed jaghmel f’dan ir-rigward.

Anke l-Ispettur Micallef-Grimaud xehed dwar il-progress li ra fil-hajja u l-imgieba ta’ Allan Pace, fis-sens illi llum skond l-Ispettur l-imputat kellu girl friend, tghallem isajjar, fetah kont il-bank, ta stampa pozittiva hafna ta’ kif kien qieghed jghix hajtu l-imputat, imqabbla ma’ dik li kienet fil-passat tieghu.

Charles Mifsud ukoll xehed dwar il-kambjament li ghadda minnu l-imputat. Mifsud huwa co-ordinator f’Dar Patri Leopoldu fejn l-imputat dam jghix ghal sentejn u erba’ xhur. Xehed illi Allan wera progress kbir, anke dejjem ghamel l-almu tieghu biex jahdem, ghalhekk integra ruhu fis-socjeta’.

F’dan ir-rigward regghet xehdet Mary Rose Farrugia li wkoll irrepetiet is-success li ghamel Allan Pace biex jintegra ruhu fis-socjeta’.

Ikkunsidrat:

Illi certament mir-rizultati forensici moghtija, din il-Qorti m’ghandha ebda dubbju dwar il-htija ta’ l-imputat fil-konfront tat-tliet serqiet hawn fuq imsemmija, u ghalhekk qieghda ssibu hati ta’ l-istess, u dan wara li rat;

a. Fl- Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikoli 49, 50, 51, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, hadet in konsiderazzjoni l-progress kbir li ghamel l-imputat, anzi kif integra ruhu fis-socjeta', illum ghalhekk qieghda wkoll tikkonsidra li dawn l-akkuzi jirrisalu ghad-29 u t-30 ta' April 2007, meta fil-fatt is-sentenza sospiza mposta fuq l-imputat ghandha d-data ta' 17.07.2007 Dok PG2, ghalhekk din il-Qorti mhux ser taghmel ebda applikazzjoni taht l-Artikoli 28A – 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin mill-lum, u qieghda wkoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien 3 snin u tahtar ghal dan l-iskop lil Mary Rose Farrugia, b'dan illi Allan Pace ghandu jibqa' jzomm id-direttivi lilu moghtija mill-istess ufficjal;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali €1,820.29 fi zmien sentejn, u dan wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda zzomm ferm is-sentenza sospiza gia' fuqu mposta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------